MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Numru. 202/2009

Il-Pulizija
(Sp Elton Taliana)
vs
Emanuel Sammut, iben Albert, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Ottubru, 1969

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fl-4 ta’ Ottubru, 2008 għal ħabta tad-9.25 a.m. ġewwa Triq il-Wied, Birkirkara volontarjament ħassar, għamel ħsara fil-vettura tal-għamla Bedford, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBY 431, għad-dannu ta’ Massimo Bonello minn San Pawl il-Baħar, liema ħsara tammonta għal valur li ma jiskorriex €1,164.69 imma jkun iżjed minn €116.47;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu; jew f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, ikun jidher biċ-ċar fis-sakra;
3. talli sar reċidiv skkond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, meta huwa kien ġie misjub ħati u ikkundannat għal reat, b'sentenzi tal-Qrati maltin, liema sentenżi saru definittivi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju, 2009 fejn il-partijiet qablu li l-ħsara globali li għamel l-imputat hi ta' €500.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 325(1)(b) u 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta fl-ewwel seduta ta' din il-kawża u obbliga ruħu li jħallas id-danni li għamel. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €500 danni lil Massimo Bonello fi żmien xahrejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------